**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2012 — Tsujimoto vs UASI — Kenzo (KENZO)**

**(Kawża T-393/12)**

(2012/C 355/67)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kenzo Tsujimoto (Osaka, il-Ġappun) (rappreżentant: A. Wenninger-Lenz, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Kenzo SA (Pariġi, Franza)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-29 ta' Mejju 2012, fil-Każ R 1659/2011-2; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "KENZO", għal prodotti fil-klassi 33 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6334544

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 720706 għat-trade mark verbali "KENZO", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 18 u 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni kkontestata annullata u applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda kollha kemm hi

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94; u

— ksur tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94.

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2012 — Fetim vs UASI — Solid Floor (Solidfloor The professional's choice)**

**(Kawża T-395/12)**

(2012/C 355/68)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fetim BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: L. Bakers, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Solid Floor Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-15 ta' Ġunju 2012 fil-Każ R 884/20011-2; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark figurattiva "Solidfloor The professional's choice" għal prodotti fil-klassi 19 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5667837

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* reġistrazzjoni tat-trade mark tar-Renju Unit Nru°2390415 tat-trade mark figurattiva "SOLID floor", għal prodotti fil-klassijiet 19 u 37; isem kummerċjali "Solid Floor Ltd" użat fil-kummerċ fir-Renju Unit; isem ta' dominju "SOLID Floor" użat fil-kummerċ fir-Renju Unit

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni kkontestata annullata, oppożizzjoni milqugħa fl-intier tagħha u applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.